28 ta' Novembru, 1953.

Imħallef :—
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Dominic Mintoff, B.E. & A., A. & C.E. *versus* Thomas Hedley et. ne.

**Libell — "Innuendo" — Verità tal-Konviċju — "Fair Comment" — Kommuniżmu — Mala Fede — Prova — Art. 29 u 28 (1) tal-Kap. 117.**

*F'materja ta' libell hija prattika komuni li jiġi mqiegħed mill-kwerelant "innuendo" fuq il-kliem li minnhom huwa jilmenta bħala libellużi, għalkemm l-"innuendo" proprjament hu neċessarju li jiġi ndikat biss fil-każ meta l-kliem, preċiżi inġurjużi, fis-sens ordinarju u naturali tagħhom ikunu bla sinifikat jew innoċenti. Imma l-lum fil-prattika tal-Qorti hu paċifiku li l-kwerelant, anki jekk jindika "innuendo" partikulari, jista' dejjem jirrexxi fil kwerela tiegħu anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem.*

*Fl-indaġini jekk bran minn artikolu huwiex verament libelluż, għandu jitħares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni dak il-bran. Jekk minn dan l-artikolu l-qarrej jifhem li l-kwerelant jissimpatizza mal-komunisti u jħobb jagħmilha magħhom, l-artikolu huwa libelluż. U f'din il-materja hu elementari li mhux dak li seta' talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu li jgħodd, imma dak li fil-fatt kiteb; għax dak jaqra l-qarrej.*

*L-allegazzjoni tal-fatti għandha turi x'kienu l-fatti kollha; u l-prova tal-verità għandha tinkontra l-akkuża. Jekk jitħalla barra xi dettali importanti u fondamentali fil-fatti, ma hemmx narrazzjoni sewwa tal-fatti. Min jikteb għandu jgħid il-fatti kif kienu sewwa, u mbagħad iħalli lill-qarrej jiġġudika. Jekk xi ċirkustanza fondamentali tiġi taċjuta, il-qarrej ma jistax jifforma konċett ġust tal-fatti.*

*Jekk il-kwerelat jipprova biss biċċa mill-fatti, imma ma jippruvax dak li jikkostitwixxi s-sustanza ta' l-imputazzjoni, ma jistax jingħad li saret il-prova tal-fatti; u jekk ma ssirx il-prova tal-fatti, ma jistax jingħad li hemm "fair comment". Jekk il-fatti ma jiġux affermati veraċement, kull komment fuqhom ma jistax ikun "fair comment".*

*Il-liġi tixħet l-obligu tal-prova fuq il-kwerelat, fis-sens li tistabbilixxi kontra tiegħu preżunzjoni li hu aġixxa xjentement, jekk ma jippruvax il-kuntrarju. U biex jiġi ritenut li l-kwerelat aġixxa xjentement, hu biżżejjed li l-kwerelat seta' jagħmel, u ma għamelx, l-indaġini meħtieġa biex jasal għall-verità.*

Dan hu appell tal-kwerelati kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fis-26 ta' Awissu 1953, li biha ż-żewġ kwerelati, fil-kwalità tagħhom, l-ewwel wieħed ta' editur tal-ġurnal "Times of Malta", u t-tieni wieħed ta' stampatur ta' l-istess ġurnal, instabu ħatjin talli inġurjaw gravement lill-kwerelant per mezz ta' l-istampa, ċjoè per mezz ta' l-artikolu li deher fin-numru tas-7 ta' Mejju 1953 tal-ġurnal fuq imsemmi, li jibda bil-kliem "A recent issue" u jispiċċa bil-kliem "Rerum Novarum", u ġew kundannati, l-ewwel kwerelat Hedley għall-piena tal-multa ta' £5, u t-tieni kwerelat Denaro għall-piena ta' l-ammenda ta' £2, bl-ispejjeż kontra l-kwerelati, ripartibili bejniethom fil-proporzjon ta' żewġ terzi l-ewwel wieħed u terz it-tieni wieħed;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Ma hemmx kontestazzjoni li l-kwerelati huma rispettivament l-editur u l-istampatur tal-ġurnal fuq imsemmi (ara verbal reġistrat fis-seduta tad-9 ta' Lulju 1953 quddiem l-Ewwel Qorti);

Skond l-istess verbal, l-eċċezzjonijiet tal-kwerelati huma

tlieta, ċjoè: 1. Li l-artikolu ma hux libelluż; 2. in subordine, fil-każ li l-Qorti tirritjeni li l-artikolu hu libelluż, huma pronti jippruvaw il-verità tal-fatti; 3. li l-artikolu hu "fair comment" fuq materja ta' interess publiku;

Fix-xhieda tiegħu l-kwerelant qal li hu ħassu offiż b'dik il-parti ta' l-artikolu li tgħid hekk:— "That gross materialism had offended the bulk of opinion and sentiment in Malta which was also shocked three years later when a Minister, Mr. Mintoff, had attended a supper at St. Paul's Bay in celebration of May Day, and had been welcomed by the singing of the 'Internationale' ";

Il-kwerelant Perit Mintoff kompla jgħid li hu ħass li dawk il-kliem inġurjawh għax l-ewwelnett il-fatti ma humiex veri, u l-'Internationale' hu magħruf bħala l-innu tal-Kommunisti. Kompla jżid li l-artikolu ħalla l-impressjoni li huwa jħobb jagħmilha mal-Kommunisti, u li min qrah u ma jafx bil-fatti jibqa' bit-togħma li, jekk hu ma hux Kommunista jissimpatizza magħhom;

Dawn il-kliem, kontenuti fix-xhieda tal-kwerelant, jistgħu jiġu mifteħma bħala l-indikazzjoni ta' l-"innuendo" li f'materja ta' libell hi prattika komuni li jiġi mqiegħed mill-kwerelant fuq il-kliem minnu denunzjati bħala libellużi, għalkemm proprjament l-"innuendo" hu neċessarju li jiġi indikat biss fil-każ meta l-kliem, pretiżi libellużi, fis-sens ordinarju u naturali tagħhom ikunu bla sinifikat jew innoċenti (ara Button, Libel and Slander, 2nd. edition, p. 54). Fi kwalunkwe każ, il-pont hu biss ta' importanza akkademika; għaliex il-lum, fil-prattika tal-Qrati, hu paċifiku li l-kwerelant, anki jekk jindika "innuendo" partikulari, jista' dejjem jirnexxi fil-kwerela tiegħu anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem — f'liema każ l-"innuendo" jkun "surplusage" (ara sent. tal-Qorti ta' l-Appell Ingliża, 29 ta' Lulju 1937, Holdsworth Ltd. v. Associated Newspapers Ltd., All England Law Reports, Vol. III, p. 372, fejn hemm ċitati l-Gatley u l-Fraser). Għalhekk, l-indaġini tal-Qorti, dwar il-karattru libelluż tal-bran li minnu jilmenta l-kwerelant Perit Mintoff, għandha tirraġġira ruħha mhux biss fuq l-"innuendo", imma anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel punt, ċjoè jekk il-bran imsemmi mill-kwerelant huwiex libelluż;

Hu prinċipju fondamentali f'indagini simili li għandu jitħares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu; għar-raġuni ovvja li min jaqra l-bran oġġezzjonat jaqrah fil-kontest ta' l-artikolu kollu kemm hu (ara, fil-ġurisprudenza Ingliża, il-kawża Shipley v. Todhunter (1836) F.C. & P. 680, at 690; u Chalmers v. Payne (1835) 2 Cr. M. & R. 156, per Alderson B. at 159);

Issa, appartí għall-mument il-bran li minnu jilmenta l-kwerelant, is-sustanza ta' l-artikolu fejn jirrikorri dak il-bran, hi din. Il-gazzetta uffiċjali tal-General Workers' Union annunzjat li l-Eżekutiv kien iddeċieda li l-Union għandha tavviċina l-Gvern Malti u "employers" oħra, inklużi s-"Services", biex jiddikjaraw l-Ewwel ta' Mejju bħala jum ta' vakanza publika. Il-Malta Labour Party, li għandu maġġoranza preponderanti fil-General Workers' Union, jidher favur din l-idea. Membru ta' dak il-partit, li hu anki membru tal-Parlament, kien f'okkażjoni publika tkellem dwar l-importanza ta' dik il-ġurnata bħala Labour Day. Hu fatt li May Day hi osservata bħala vakanza barra minn Malta minn "trade unions" u korpi oħra li jirrappreżentaw il-"free workers" tal-pajjiżi tal-West. Hu fatt ukoll li l-Kommunisti jiċċelebraw May Day bħala "a feast in their own way". Il-vakanza tal-ħaddiema tal-West hi bażata fuq l-idea tal-millenju propunjat minn Robert Aven; dik tal-Kommunisti hija bażiża biex tikkommemora l-publikazzjoni tal-manifesto kommunista ta' Karl Marx. Kompla jgħid l-artikolista illi, jekk qatt May Day tkun osservata f'Malta bħala vakanza, allura għandha tiġi ċelebrata fuq prinċipji nisranin, u mhux fl-ispiritu tal-artikolu li kien deher fil-ġurnal "Dawn", allura ġurnal tal-Malta Labour Party, fl-ewwel ta' Mejju 1945, kif mhu ġurnal tal-partit "Is-Sebħ" il-lum il-ġurnata. F'"Is-Sebħ" xejn ma ssemma, u ta' min wieħed jistaqsi kif jaħsibha l-Malta Labour Party fuq dan il-punt.

Tkun ħaġa desiderabili, kompla jgħid l-iskrivent, kieku May Day tiġi kkunsidrata bħala vakanza, jekk is-sentiment dwarha mhux dak li kien ispira d-"Dawn" meta sar paragun

blasfemu bejn Christmas Day u May Day, u bejn is-Salib u l-Iswastika (f'dan il-pont ta' l-artikolu jidħol il-bran oġġezzjonat). Mbgħad, l-artikolista jżid jgħid, il-General Workers' Union ma tantx tista' tispera li tawmenta l-"membership" tagħha sakemm ikun hemm din il-konnessjoni politika mal-Malta Labour Party. Jekk l-Union tkompli titlob li May Day tkun vakanza, allura tinqala' l-kwistjoni jekk il-kommemorazzjoni hijiex bi ħsiebha tkun waħda skond il-prinċipji kattoliċi jew skond l-artikolu tad-"Dawn". L-artikolista kkonkluda li, biex jiġi evitat kull malintiż, aħjar li d-data tal-vakanza tkun dik tal-15 ta' Mejju, ċjoè d-data tal-publikazzjoni ta' l-Enċiklika storika "Rerum Novarum";

Ma hemmx ombra ta' dubju li, apparti, s'intendi għall-mument, il-bran lamentat, l-iskop ta' l-artikolista huwa ferm enkomjabili u in koerenza mas-sentimenti ta' pajjiż kattoliku bħal Malta. Imma hu appuntu minn dan ir-rifless li, fil-fehma tal-Qorti, jirriżulta l-karattru libelluż tal-bran fuq riportat. Infatti, f'dak il-bran l-artikolista jibda biex igħid li dak il-"gross materialism" (ċjoè ta' l-artikolu tad-'Dawn') kien offenda s-sentimenti tal-Maltin; u kompla jgħid, immedjatament wara, li dawk l-istess sentimenti kienu wkoll offiżi tliet snin wara, meta l-Perit Mintoff, Ministru tal-Gvern, kien attenda ċena San Pawl il-Baħar b'ċelebrazzjoni ta' May Day, u kien ġie milqugħ bil-kant ta' l-"Internationale". X'jista', u x'għandu, jifhem b'dawk il-kliem il-qarrej ordinarju — dak li fil-ġurisprudenza Ingliża jissejjaħ "reasonable reader", ossija "a reasonable, fair-minded man"? Ir-risposta hi ovvja, ċjoè li l-qarrej ma setax ħlief jifhem li l-Perit Mintoff attenda b'kompjaċenza — tant li ndaqqlu l-innu tal-Kommunisti — ċena ta' nies li almenu kellhom tendenzi Kommunisti, jekk ma kienux Kommunisti, ċjoè ta' nies li għalihom May Day kienet, skond l-artikolu fejn hemm dan il-bran, il-kommemorazzjoni tal-Manifesto ta' Marx; u l-qarrej kellu għalhekk jifhem almenu li l-Perit Mintoff kien jissimpatizza mal-Kommunisti u jħobb jagħmilha magħhom — allegazzjoni li, kif ġie kemm il-darba deċiż, hija, in relazzjoni għal Malta, pajjiż kattoliku, sommament libelluża;

Ma għandux jintnesa li l-"gist" ta' l-artikolu hi li, jekk l-Workers' Union trid tagħmel Labour Day, għandha tagħmilha mhux bħal ma riedha l-organu uffiċjali tal-Labour Party, fl-artikolu fuq imsemmi, fuq prinċipji ta' kommuniżmu, imma fuq prinċipji kattoliċi. Issa, fil-bran lamentat jissemma appuntu l-kwerelant, li hu, kif jaf kull min jaqra l-artikolu, kap ta' dak il-partit. Il-qarrej, għalhekk, jaqra dak il-bran bl-idea li jkun iffurma mill-artikolu, li ċ-ċelebrazzjoni ta' May Day, sakemm l-Union tibqa' marbuta mal-Malta Labour Party, tista' tkun pagana u materjalistika, u kwindi l-qarrej ikun ġa dispost mentalment li jifhem dak il-bran bħala li jallega li l-kwerelant, kap ta' dak il-partit, qiegħed jagħmilha ma' dawk li jridu din iċ-ċelebrazzjoni materjalistika. Dak il-bran qiegħed f'kuntrast mal-kumplament ta' l-artikolu, fis-sens li sostanzjalment l-artikolista qiegħed igħid dan: "May Day għandha tkun festa kattolika, mhux festa ta' dak il-materjaliżmu li offenda s-sentimenti tal-Maltin meta l-Perit Mintoff attenda ċena in ċelebrazzjoni ta' May Day u ndaqqlu l-innu kommunista". B'dak il-bran indubbjament wieħed jifhem li l-kwerelant ħa parti f'ċelebrazzjoni kommunista ta' May Day, anzi li l-innu kommunista ndaqq in unur tiegħu; dik iċ-ċena hi konnessa mal-kliem "gross materialism" fil-bidu ta' dan il-bran partikulari; u kif hemm spjegat fil-publikazzjoni tal-"Catholic Truth Society" ta' l-1911, taħt it-titolu "Catholicism and Socialism", p. 4, "by materialism is meant that view of things which denies the existence of anything outside matter with its accompanying attributes, energy........... consequently materialism denies the existence of God..............";

Id-difensur tal-kwerelati donnu qed jippretendi li l-artikolu ma hux libelluż għax si tratta ta' ekwivoku, inkwantokke l-artikolista, bi żball, irriferixxa għall-innu "Internationale" minflok għall-innu "Red Flag". Din is-sottomissjoni hi għal kollox infondata, għal raġuni doppja: l-ewwel, għarraġuni li, anki kieku ntqal "Red Flag" flok "Internationale", l-istess kien ikun hemm il-karattru diffamatorju, għaliex hawn Malta l-innu "Red Flag" jitqies fil-kredenza ġenerali

bhala l-innu tal-Kommunisti, anzi forsi aktar, peress li l-kelma "Red" ormaj għandha sinifikat sinistru; u t-tieni, għarraġuni li hu elementari, "in subjecta materia", li mhux dak li setta' talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu li jgħodd, iżda dak li fil-fatt inkiteb, għax dak jaqraw il-qarrejja. Hekk l-Odgers, On Libel and Slander, p. 109, igħid:— "What was passing in his own mind is immaterial.......... words cannot be construed according to the secret intent of the speaker";

Għalhekk il-Qorti, meta tapplika t-test hekk espress mill-*Odgers, loc. cit., p. 109 — "The question is, therefore, always*: How were the words understood by those to whom they were originally published? We must assume that they were persons of ordinary intelligence. We must assume too, that they gave to ordinary English words their ordinary English meaning, to local or technical phrases their local and technical meaning. That being done, what meaning did the whole passage convey to an unbiased mind?" — ma tistax ħlief tiġi għall-konklużjoni li l-artikolu kien libelluż, fis-sens *li innu l-qarrej kien jifhem li l-kwerelant Perit Mintoff kien* iħobb jagħmilha, u kien almenu jissimpatizza, mal-Komunisti u ma' dak il-materjaliżmu li jrid jiżnatura l-Labour Day billi jirrendiha kommemorazzjoni tal-Manifesto ta' Marx. Dan hu l-Manifesto li f'Diċembru ta' l-1847 Karl Marx ippublika bħala dokument klassiku tal-Kommuniżmu;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni punt, ta' l-"exceptio veritatis";

Id-difiża ssostni, in subordine, li l-fatti li hemm fil-bran *li minnu jilmenta l-kwerelant huma veri, minbarra ċ-ċirkustanza* li, flok li ndaqq l-innu "Internationale", indaqq l-innu "Red Flag";

Issa, ma jidherx kontrastat, bħala fatt, li malli l-kwerelant Perit Mintoff daħal fis-sala dak inhar taċ-ċena fuq imsemmija u tkantaw l-ewwel żewġ bars ta' l-innu "Red Flag", il-kwerelant fil-pront sikkithom, billi qal lil dawk li kienu qegħdin ikantaw "tagħmlux ħmerijiet". Din iċ-ċirkustanza, ta' importanza assolutament deċiżiva, li tbiddel l-iswed għall-*abjad, hi taċjuta għal kollox fl-artikolu inkriminat;*

Issa, hu prinċipju ieħor f'din il-materja, li "the allegation of fact must tell the whole story". L-awtur Button, loc. cit., p. 79, jagħti eżempju li jattalja ruħu mal-każ preżenti, u li hu jiċċita minn sentenza ta' Lord Shaw, Sutherland v. Stopes (1925) A.C. 47, p. 79, li hu dan: Wieħed jikteb li persuna oħra, fit-tali ġurnata, ħadet minn stalla ta' proprjetà tiegħu sarġ, u biegħetu u daħħlet il-flus f'butha, u li serqet dan is-sarġ; igħid dan l-awtur:— "If, in the illustration given, the facts as elicited show what my writing had not disclosed, namely, that the defendant had a saddle of his own lying in my harness-room, and that he took by mistake mine away, instead of his own, and, still labouring under that mistake, sold it, then the jury would properly declare that the libel was not justified, on the double ground that there were facts completely explaining in a non-criminal sense anything that was done, and the jury would disaffirm the truth of the libel, because, although true in fact, it was false in substance". Dan hu l-każ preżenti, li fih, fil-bran denunzjat, il-qarrej bilfors jieħu l-idea li l-Perit Mintoff laqa' b'kompjaċenza d-daqq, in unur tiegħu, ta' innu Kommunista, mentri l-verità hija li hu oġġezzjona immedjatament bil-kliem "ta-ħmlux ħmerijiet". Ma għandux jintnesa li l-prova tal-verità għandha tinkontra l-akkuża, kif hemm fil-ġurisprudenza Ingliża (Weaver v. Lloyd, 1 C. & P. 295, u Ingram v. Lawson, 5 Bing. W.C. 66), "the justification must be as broad as the charge and must justify the precise charge". Intqal ugwalment, fil-kawża "Edwards v. Bell (1824) 1 Bing. 403, per Burroughs J. at p. 409:— "As much must be justified as meets the sting of the charge ..............." Issa, li "sting" ta' l-imputazzjoni hi li l-kwerelant jissimpatizza mal-kommunisti, jagħmilha magħhom, u jissimpatizza maċ-ċelebrazzjoni materjalistika ta' Labour Day. Dan ma ġiex pruvat, u fil-bran ċitat ma tingħadx "the whole story", għaliex jitħalla barra mhux xi dettall insinifikanti, imma fatt fondamentalissimu, li l-kwerelant, flok ħa gost b'dak il-kant, sikkithom, għax ma riedux;

Id-difensur tal-kwerelati, fil-kors ta' l-argumenti, osserva li l-kwerelant oġġezzjona għaċ-ċirkustanza li fil-bran in-

kriminat issemma l-innu "Internationale", u mhux ir-"Red Flag", u l-istess difensur donnu speċi jrid jikkonkludi li, kieku ssemma l-innu "Red Flag", il-kwerelant ma kienx jagħti każ, u li għalhekk ma kienx importanti li jingħad li l-kwerelant sikket lil dawk li kienu qegħdin ikantaw billi qal "dawn ħmerijiet". Issa, dan l-argument hu bażat fuq presuppost skorrett; għax il-Perit Mintoff, meta xehed, beda biex qal li l-artikolu kien inġurjuż "għax il-fatti ma kienux veri", u l-fatti ma kienux veri anki meta tingħad parti minnhom biss u titħalla barra parti tant sostanzjali li tagħtihom is-sens invers. Infatti, il-Perit Mintoff fix-xhieda tiegħu qal hekk :— "Hassejtu li jinġurjani għax l-ewwelnett il-fatt mhux veru, u l-'Internationale' huwa magħruf bħala innu tal-Kommunisti";

Il-Professur Xuereb issottometta wkoll, in konnessjoni ma' din il-linja ta' argument, li ċ-ċirkustanza li l-kwerelant sikket il-kantanti ma kienetx ta' rilevanza, għax hu ma sikkithomx minħabba li kienu qegħdin idoqqu innu kommunista, imma għax kienu qegħdin jagħmlu frattarija, u l-frattarija l-kwerelant ma jħobbhiex; u d-difensur iċċita dak li hemm fid-Debates tal-Parlament. Issa, dan l-argument hu infondat għal żewġ raġunijiet: L-ewwelnett, il-Perit Mintoff ma qalx affattu hekk, imma qal xi ħaġa li hi differenti. Infatti, jekk wieħed jikkonsulta r-Raba' Volum tad-Debates, tat-18 ta' Gunju 1948, paġ. 2043, isib li l-Perit Mintoff qal hekk :— "Jiena niftakar li għidt ċar u tond li, meta jiena waqqaft lil dawk iż-żgħażagħ biex ma jkantawx ir-'Red Flag', dan jien għamiltu għaliex ħassejt li dawn kienu kollha ħmerijiet. Kieku kienu qegħdin ikantaw xi ħaġa oħra, kont inwaqqafhom l-istess għaliex jiena bniedem li l-fuss ma nħobbux u t-tlellix ma nħobbux, u jiena bniedem li nħobb naħdem bi kwieti f'kamra". Minn dawn il-kliem jidher li dak li qal il-kwerelant hu li sikket lil dawk li kantaw ir-"Red Flag" għax ħass li dawn kienu ħmerijiet u li kien anki jsikket kant ieħor, għax ma jħobbx il-frattarija — versjoni diversa minn dik li pprospetta d-difensur;

Però, ankorkè kien kif qed jippretendi d-difensur, dejjem tibqa' l-obbjezzjoni ġusta li l-artikolista kien imissu jgħid

li l-Perit Mintoff sikket lil dawk il-ġuvintur meta daqqew l-innu, billi qalilhom li dawn kienu ħmerijiet, u mbagħad jħalli lill-qarrej jiġġudika huwa jekk il-kwerelant sikkithomx għar-raġuni waħda jew għar-raġuni oħra; mentri, meta dik iċ-ċirkustanza ġiet taċjuta, il-qarrej ma setax jifforma konċett ġust ta' l-inċident;

Għalhekk il-kwerelatı ppruvaw biss biċċa mill-inċident, iżda ma ppruvawx dak li jikkostitwixxi s-sustanza ta' l-imputazzjoni. Hu sewwa dak li ntqal fil-ġurisprudenza taljana (Riv. Penale, 35, 289) :— "Chi ha esposto per mezzo della stampa fatti che offendono l'onore e la riputazione altrui, quando sia *ammesso* alla *prova* dei fatti, deve darla piena ed integrale per poter aspirare all'assoluzione, non bastando all'uopo una dimostrazione equivocca di taluno tra i fatti diffamatori, isolatamente";

Igħid ugwalment il-Frola, Delle Ingiurie e Diffamazione, p. 160 :— "La prova dei fatti vuol essere larga, piena e sicura............";

Konsegwentement il-Qorti tirritjeni li l-kwerelati ma rnexxewx fil-verità tal-konviċju;

Ikkunsidrat, dwar it-tielet mezz defensjonali, tal-"fair comment";

Dan il-mezz għandu jiġi eskluż, in bażi għal-prinċipju riċevut paċifikament fid-dottrina u l-ġurisprudenza illi ma jistax ikun hemm "fair comment" meta l-fatt ma hux veru. Fil-kawża Joynt v. Cycle Trade Publishing Co. (1904) 2 K.B. 292, P. 262, l-Imħallef Kennedy qal :— "The comment must be such that a fair mind would use under the circumstances, and it must not mis-state facts, because a *comment* cannot be fair which is built on facts which are not truly stated";

Issa, din il-Qorti ġa esprimiet il-fehma tagħha li l-fatti ma ġewx affermati veraċement, u għalhekk kull komment fuqhom ma jistax ikun "fair comment";

Minbarra dawn l-eċċezzjonijiet speċifiċi, il-Professur Xuereb, għall-kwerelat Hedley, akkampa wkoll l-"absence of malice". Din l-eċċezzjoni hi għar-rigward tal-kwerelat Hedley, għax kwantu għall-kwerelat Denaro l-Qorti t'Isfel

aċċettat il-verżjoni tiegħu li hu ġie jaf bl-artikolu wara l-pubblikazzjoni, u infatti applikat għar-rigward tiegħu l-pieni kontravvenzjonali għall-istampatur li, skond l-art. 29 Kap. 117, "shall not have acted knowingly";

Ikkunsidrat, dwar din l-eċċezzjoni;

Il-liġi Maltija, fl-art. 28 (1), tixħet l-"onus probandi" fuq il-kwerelat, fis-sens li jistabbilixxi kontra tiegħu preżunzjoni li hu aġixxa xjentement, jekk ma jippruvax il-kuntrarju. Issa, il-Qorti hi ta' fehma li din il-preżunzjoni ma ġietx imwaqqa'. Il-liġi tagħna tuża l-kelma "knowingly". Infatti biex ikun hemm lok għal kundanna, ma hemmx bżonn (kif jirritjenu fis-sistema ngliż) "malice" konsistenti fi "spite or ill-will", imma biżżejjed "malice", per eżempju", fis-sens li l-kwerelat seta' jagħmel, u ma għamelx, l-indaġini meħtieġa biex jasal għall-verità. Jgħid il-Button, loc. cit., p. 179:- "The fact that the defendant made no enquiries to verify the truth of the libel.............. may be a relevant consideration for the jury in determining the question of malice". Issa, fil-każ preżenti, għal mill-anqas darbtejn, fil-Parlament (ara "Debates citati, u ara wkoll Vol. 3 sed. 17 Mejju 1948, p. 1437) il-kwerelant għamel dikjarazzjoni dwar dan l-inċident, u ddarbtejn qal ċar u tond li hu kien sikket fil dawk il-ġurintur, u qalilhom biex iħallu dawn il-ħmerijiet. Ma jistgħax għalhekk jingħad li l-kwerelat Hedley ma setgħax faċilment jivverifika l-fatti ta' dan l-inċident billi jara l-"files" tad-Debates parlamentari, apparti l-fatt li dan l-inċident kien, fiż-żmien li ġara, għamel kjass, u għalhekk l-ispjegazzjonijiet tal-kwerelant fil-Parlament, partikolarment f'pajjiż żgħir bħal Malta, kienu ħaġa nota għal kullħadd, aktar u aktar għal editur ta' ġurnal li jikkontjeni, bħala "feature" tiegħu, ir-reżonkonti parlamentari;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ssib sewwa s-sentenza tal-Maġistrat, u, fil-waqt li tiċħad l-appell, tikkonfermaha, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-kwerelati. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif provvduti. Onorarju tad-difensuri tnax il-xelin għal kull seduta.

---